**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 10 ta' Gunju, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann Fenech)**
**vs**
**Braydon Bonnici**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Braydon Bonnici u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 245095(M).

Akkuzat talli f'l-20 ta' Settembru 2016 fi Triq Hal Far Birzebbugia:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'l-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Emanuel Mangion miz-Zurrieq.
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'l-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe mutur b'numru ta' registrazzjoni MSX 116, ghad-dannu ta'l-istess Emanuel Mangion.
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, u cioe vettura ta'l-ghamla Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni WWW 404 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz; kif ukoll
4. Saq l-istess vettura b'velocita eccessiva.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lil-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatar ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tissosspendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2016 ghall-hatbta tas-06.00am fi Triq Hal Far Birzebbugia meta vettura ta' tip Opel Tigra, b'numru ta' registrazzjoni WWW 404, misjuqa mill imputat habtet ma' mutur ta' tip Honda, b'numru ta' registrazzjoni MSX 116, misjuq minn Emanuel Mangion li sfortunatament tilef hajtu f'dan l-incident li dwaru nzammet inkjesta magisterjali.

Illi l-ufficjal prosekutur xehed[1] u spjega li ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghodu PS 816 infurmah li kien sehh incident fi Triq Hal Far Birzebbugia; is-surgent u pulizija ohra mill-ghassa tad-distrett marru fuq il-post. Hemm sabu l-vettura ta'l-imputat li kienet qeghda fil-karreggjata li taghti ghall-Freeport, angolata qisu 45 degrees mal-bankina; il-vettura kellha hsara estensiva man-naha tax-xufier. Ftit metri 'l boghod f'l-istess karreggjata kien hemm il-mutur li kien qed isuq il-vittma liema mutur kellu hsarat sostanzjali fuq in-naha ta' quddiem; ftit metri aktar 'l isfel mill-mutur kien hemm ragel f'ghadira demm. Hdejn il-vittma kien hemm il-helmet li ma tantx kellu

[1] Depozizzjoni a fol 150 et seq.

hsarat fuqu izda man-naha ta' gewwa kien imcappas bid-demm. Ma gewx osservati marki tat-tyres fit-triq. Dak il-hin Mangion kien ghadu haj, pero f'qaghda kritika hafna, u ittiehed l-isptar. Mill-istharrig li sar dak il-hin fuq il-post deher li il-habta kienet wahda frontali; il-vettura misjuqa mill-imputat, fil-waqt li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa spiccat fil-karreggjata l-ohra (cioe dik li taghti ghall-Birzebbugia) u sehh l-impatt mal-mutur misjuq minn Mangion li kien qed isuq f'dik il-karreggjata sejjer lejn Birzebbugia. Aktar tard fil-gurnata sfortunatament Mangion miet. L-ghada ix-xhud ha stqarrija minghand l-imputat. Ma kien hemm l-ebda CCTV camera fil-vicinanzi tal-post fejn sehh l-incident.

Illi wiehed mill-ewwel pulizija mibghuta fuq ix-xena tad-delitt kien PC 475 Elkjaer Farrugia[2], stazzjonat mas-sezzjoni tat-traffiku. Huwa jispjega li kien infurmat b'l-incident mill-control room u malli wasal fuq il-post kien hemm surgent li inzertat kienet sejra xoghol l-akkademja tal-pulizija u ghaddiet ftit wara li sehh l-incident. Ix-xhud mar fuq Mangion li kien ma'l-art u kellu demm hiereg minn rasu. Mangion kien qed jiehu nifs ghalkemm bil-mod ghalhekk huwa prova jkellmu pero Mangion ma rrispondiex. Giet l-ambulanza u Mangion ittiehed l-isptar. Huwa ha hsieb li jippreserva x-xena sa kemm jigu l-kollegi tad-distrett.

Illi PS 816 Sean Vassallo xehed[3]. Jghid li meta huwa wasal fuq il-post ta' l-incident Managion kien diga ittiehed l-isptar. Giet preservata x-xena u meta gew infurmati mill-isptar li Mangion kien qieghed fil-perikolu tal-mewt giet infurmata il-Magistrat li ordnat li ssir inkjesta u marru l-esperti fuq il-post. Ix-xhud iccara li l-incident sehh ezattament quddiem l-entratura ta' Asfaltar Limited. Aktar minn hekk huwa ta l-istess deskrizzjoni li ta s-Supretendent Fenech ta' dak li ra fuq l-post ta'l-incident. Huwa ikkonferma li kien hu (cioe PS 816) li mar ifittex biex jara jekk kienx hemm CCTV cameras izda ma kienx hemm. Jispjega li t-triq fejn sehh l-incident hija triq pjuttost dritta u fiha zewg karreggjati.

[2] Depozizzjoni a fol 184 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 160 et seq.

Illi tressaq ukoll bhala xhud rapprezentant ta' Transport Malta[4]. Dan ikkonferma li l-mutur kien registrat f'isem il-vittma, fil-waqt li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet registrata f'isem Shirlene Bonnici[5]. Iz-zewg vetturi kienu licenzjati u koperti b'polza ta' assikurazzjoni.

Illi kif diga ntqal l-imputat irrilaxxja stqarrija[6] u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[7]. Quddiem din il-Qorti l-imputat irrakkonta li fil-gurnata in ezami huwa kien sejjer l-akkademja tal-pulizija fejn huwa kien rekluta; telaq mid-dar ghall-habta tas-sitta nieqes ghaxra. Jghid li huwa kien qed isuq f'nofs il-karreggjata tieghu b'xi velocita ta' xi hamsin kilometru fis-siegha u li kien qed isuq wahdu fit-triq. Jkompli jirrakkonta li f'xi hin lemah vettura ohra, van Hilux, meta kien hemm distanza ta' sebgha vetturi bejniethom. L-imputat ikompli jirrakkonta hekk: "*Kif avvicinajtu, peress li kien qed isuq b'velocita anqas minn tieghi, wasalt bejn karozza u nofs 'l boghod minnu, dan hasadli l-break, jien inhsadt, qbadt l-isteering dak il-hin u ghafast il-break biex nevita l-impatt mal-Hilux u dak il-hin allavolja zammejt l-isteering sod b'tali mod li ma' jiccaqlax, il-karozza thaxknitli lejn il-lemin u dak il-hin rajt dawl ta' mutur li kien gej b'velocita qawwija ezatt minn mal-lemin tal-Hilux u parzjalment dan il-mutur laqatli l-fanal tal-genb ta' quddiem tieghi tan-naha tal-lemin bil-konsegwenza li kompla jitkaxkar mal-genb tal-vettura tieghi sal-bieba u qacccatli l-mera .... dak il-hin ma'l-impatt il-karozza daritli lejn il-lemin, bil-hassda jigifieri tlaqt kollox minn idejja tant li tani bhal backout, u l-karozza waqfet wahedha fuq il-karreggjata l-ohra mal-bankina*". L-imputat imbaghad kompla jirrakkonta kif hareg mill-vettura tieghu, li meta hareg mill-vettura ra lil Mangion ma'l-art, mar fuqu u kellmu izda ma wegbux. Hargu xi nies mill-fabbrika li hemm ezatti fejn sehh l-incident u cemplu ghall-assistenza; hu mar hdejn il-vettura tieghu u innota li r-rota ta' quddiem kienet illokjat ruhha mal-mudguard.

Illi in kontroezami l-imputat jghid li t-triq kienet nixfa, kien ghadu ma sebahx u li kellu d-dwal tal-karozza mixghula. Mistoqsi jekk rax il-mutur gej

[4] Dan kien Stephen Cachia; depozizzjoni a fol 157 et seq.
[5] Li hija omm l-imputat.
[6] Esebita bhala Dok JF1 a fol 154.
[7] A fol 196 et seq.

jghid li le, u konfrontat bil-fatt li ftit qabel kien qal li ra id-dawl gej jghid li meta l-vettura tieghu thaxknet lejn il-lemin "*kulma rajt id-dawl tal-fanal tieghu u lilu dell li baqa diehel gol fija dak il-hin, split second*". Mistoqsi x'gara mill-van Hilux jghid li ma'l-impatt dan il-vann baqa' ghaddej u wara ma rahx aktar. Huwa rega insista li meta gie mal-vann u hasdu, hu ghafas il-break u ma kisirx ghal-lemin imma haditu l-karozza; impatt mal-van ma kienx hemm. Mistoqsi ghaliex ma naqassx il-velocita meta ra li l-vettura ta' quddiemu kienet qed isuq b'velocita anqas minnu jghid li l-intenzjoni tieghu kienet li jasal distanza ta' vettura u jibqa jsuq warajh. Mistoqsi jekk kienx bi hsiebu jaqbez il-van huwa insista li le.

Illi minbarra l-imputat ma tressaq l-ebda xhud li seta' jitfa aktar dawl fuq id-dinamika ta'l-incident ghaliex il-van Hilux ma giex identifikat[8] u apparentement ma kienx hemm xhieda okkulari.[9] Minkejja dan mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti, mill-provi forensici u mill-provi indizjarji l-Qorti tista' tasal ghal diversi konkluzzjonijiet.

Illi mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-espert forensiku Dr Mario Scerri[10] u l-esperti patologi l-Professur Camilleri Podesta u Dr Salfraz[11] jirrizulta li Emanuel Mangion miet kawza tal-griehi li soffra f'rasu; fil-fatt il-griehi li soffra bhala rizultat ta' dan l-incident kienu principalment f'rasu, ghaliex minbarra griehi estensivi f'rasu kull ma kellu kienu abrazzjonijiet ma saqajh il-leminija u fuq idejh il-leminija.

Illi minn dak li jidher mir-ritratti tax-xena tad-delitt[12] u mill-kostatazzjonijiet li ghamel l-espert tat-traffiku il-PL Mario Buttigieg[13] jirrizultaw diversi fatturi ohra:

- L-incident sehh fi Triq Hal Far Birzebbugia ezatti quddiem l-entratura ta' Asphaltar Limited.

---

[8] L-imputat jghid li ma jafx in-numru ta' registrazzjoni tal-van.
[9] Ghal kull buon fini ghandu jinghad li d-difiza ressqet lill-genituri ta'l-imputat bhala xhieda; pero ma kienux ma' l-imputat meta sehh l-incident u lanqas kienu fil-vicinanzi; huma fil-fatt ma jafu xejn dwar l-incident hlif dak li qalilhom binhom.
[10] Ir-rapport tieghu huwa esebiet a fol 20 et seq.
[11] Ir-rapport kongunt taghhom huwa esebiet a fol 52 et seq.
[12] Ritratti mehuda minn PC813 Clinton Vella u jifformaw parti ir-rapport tieghu esebiet a fol 57 et seq.
[13] Ir-rapport tieghu huwa esebiet a fol 98 et seq. Il-PL Buttigieg xehed ukoll in kontroezami (depozizzjoni a fol 223 et seq); f'din id-depozizzjoni huwa ntalab jikkjarifika xi kostatazzjonijiet li ghamel fir-rapport.

- Mhux permess parking f'din it-triq li hija dritta u m'hemm xejn li jfixkel il-vizibilita.
- Fejn sehh l-incident wicc it-triq huwa lixx u minghajr ebda xquq.
- Hemm sinjal abjad dritt (continuous white line) f'nofs tat-triq; fejn sehh l-incident hem sinjali ma'l-art li jindikaw li vetturi jistghu jaqsmu l-karreggjati biex jidhlu u/jew johorgu minghand Asphaltar Limited u l-binja li hemm man-naha l-ohra tat-triq.
- Ma kienx hemm break marks jew tyre marks; l-unika sinjal ma'l-art kien il-grif li halla l-mutur.
- L-ispot of impact huwa fil-parti centrali tal-karreggjata li taghti ghal Birzebbugia.
- Bid-daqqa l-mutur mexa lura xi ftit metri fil-waqt li l-karozza baqghet miexja 'l quddiem.
- Ma'l-impatt Mangion tar l'quddiem, habet mal-windscreen u qabez is-saqaf tal-karrozza u kompla jtir biex waqa' kwazi mal-bankina li hemm f'l-entratura ta' Asphaltar Limited.
- Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-imputat (minbarra dik fuq il-windscreen u s-saqaf) kienet quddiem u fil-genb man-naha tax-xufier.

Ikkunsidrat

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, li jirrizultaw fattwalment minn dak li raw l-esperti fuq il-post ta'l-incident u ma jistax ikun hemm dubbji dwarhom, jidher li l-imputat ma tantx jista' jinghata kredibilita fil-vezjoni tieghu.

Huwa jghid li kien qed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha f'nofs il-karreggjata tieghu; li b'din il-velocita lahaq van li kien qed isuq b'velocita anqas minnu u li l-ewwel darba li rah kien tul sebgha' karozzi 'l boghod minnu; li meta wasal xi tul ta' karozza 'l boghod minnu l-van hasad il-break u biex jevita impatt l-imputat da parti tieghu ghafas il-break pero il-karozza telqieltu, thaxknet ftit ghal lemin u sab il-mutur ma wiccu. Hu jghid li ma harigx kompletament fit-triq l-ohra[14] u li l-mutur kien gej b'velocita ezatt

[14] Fol 206.

mal-lemin tal-van[15] b'l-implikazzjoni li l-mutur kien qed jinstaq f'nofs tat-triq u mhux fil-karreggjata tieghu[16].

Illi l-imputat pero huwa skreditat f'hafna mill-affarijiet li qal mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post u li jirrizultaw mill-provi prodotti. L-impatt sehh fil-parti centrali tal-karreggjata li taghti ghal Birzebbugia; dan jirrizulta minn fejn instab id-debris[17] ghalhekk l-imputat bil-fors hareg bicca sew f'din il-karreggjata. L-imputat jghid li l-van li ssuppost kien qed isuq quddiemu hasab il-break, u li anke hu ghafas il-break, pero la kien hemm break marks u lanqas xi tyre marks ohra. Ghalkemm inizjalment l-imputat qal li l-mutur kien gej b'velocita u ezatti mal-lemin tal-van, in kontroezami l-imputat ammetta li huwa l-mutur ma kienx rah jekk mhux ma'l-impatt ghalhekk ma setax ikun jaf fejn kien qed isuq fil-karreggjata tieghu u lanqas b'liema velocita kien gej. L-imputat jghid ukoll li kien qed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha. Il-Qorti pero, bhall-parte civile, difficilment temmen li vettura li qed tinstaq b'hamsin kilometru fis-siegha, ghax inghafas il-break, minghajr mas-sewwieq idawwar l-isteering wheel, anzi jzommu dritt, jitlef il-kontroll tal-vettura tant li din mhux biss tinvadi bi ftit il-karreggjata l-ohra imma addirittura taqsamha kompletament, tahbat ma' mutur u tibqa sejra sa kemm tieqaf f'l-estremita tat-triq. Mhux biss imma l-impatt mal-mutur tant kien vjolenti li Mangion tar minn fuqu, habat mal-windscreen tal-karozza ta'l-imputat, qabez ghal fuq is-saqaf ta' dik il-vettura u rega' tar tant li spicca kwazi mal-bankina ma'l-estremita tal-karreggjata. Fil-fatt il-Qorti tikkondividi t-tezi tal-parte civile li l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni jibqa jsuq wara l-van imma l-manuvra li ghamel keient wahda ta' surpass.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva fil-hin ta'l-incident.

---

[15] Fol 197.

[16] L-imputat qal fid-depozizzjoni tieghu li kemm il-van kif ukoll hu kienu qed isuqu f'nofs il-kartreggjata taghhom; ghalhekk jekk l-imputat qed jallega li l-mutur kien gej ezattament mal-lemin tal-van necessarjament qed jallega li l-mutur kien gej minn nofs tat-triq, jekk mhux fil-karreggjata taghhom.

[17] Dan jirrizulta ampjament mir-ritratti tax-xena.

Illi din ir-raba' imputazzjoni hija wahda kontravvenzjonali bazata fuq ir-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (SL65.11).

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fil-kaz ta' kontravenzjonijiet taqa' bi preskrizzjoni mad-dekors ta' tlett xhur.

Illi l-incident in ezami sehh f'l-20 ta' Settembru 2016; ic-citazzjoni permezz ta' liema nbdew il-proceduri odjerni giet prezentata fis-17 ta' Settembru 2017 u ghalhekk wara d-dekors tat-tlett xhur fuq imsemmija. Ghalkemm mill-atti ma tirrizultax id-data preciza meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni promotorja m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li n-notifika necessarjament saret wara s-17 ta' Settembru 2017 u konsegwentement wara t-tlett xhur predisposti f'l-artikolu 688(f) fuq imsemmi.

Illi ghalhekk l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-raba imputazzjoni hija estinta bi preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, reat ravvizat f'l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq ilmod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' lincident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[18]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Ikkunsidrat

Illi mill-Highway Code johorgu diversi regoli li ghandhom jiggwidaw is-sewwieqa ta' vetturi:

> *Adapt your driving to the appropriate type and condition of road you are on. In particular ....... do not treat speed limits as a target. It is often not appropriate or safe to drive at the maximum speed limit.*[19]

Illi dwar speed limits il-Highway Code jistabbilixxi li:

[18] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

[19] Ir-regola 220.

> *These are absolute maximum speeds, but* ***there are numerous situations where prudence demands a lower speed*** *in view of road surface and configuration, weather conditions, traffic density and presence of pedestrians or other hazards.*[20]

Illi l-Highway Code jistabbilixxi ukoll li:

> *You should leave enough space between you and the vehicle in front so that you can pull up safely if it suddenly slows down or stops*[21].

Illi konformi ma dawn ir-regoli, il-gurisprudenza taghna hija kostanti u gie ribadiet diversi drabi dwar fatturi ambjentali fit-tema ta' limiti ta' velocita li:

> *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[22].

Illi fit-triq fejn sehh l-incident il-massimu tal-velocita huwa tmenin (80) kilometru fis-siegha. Dan ghaliex, ghalkemm fil-post fejn sehh l-incident hemm xi binjiet kummercjali, it-triq, fit-termini tar-regolament 127 ta'l-Avviz Legali  128 tas-sena 1994 (SL65.11), hija "*barra mill-ibliet u l-irhula*". Ma ngiebet l-ebda prova li kien hemm xi sinjali li jindikaw li l-massimu tal-velocita kien differenti mill-massimu regolamentari jew le.

Illi l-imputat jghid li kien qed isuq b'xi hamsin kilometru fis-siegha fil-hin ta'l-incident. L-imputat xejn m'hu kredibli f'din l-asserzjoni, u l-Qorti hija konvinta li kien qed isuq ferm aktar minn hekk; u dan mhux biss minhabba id-dinamika ta'l-incident imma anke minhabba l-effetti ta'l-impatt. Pero la darba l-espert tekniku ma stabbilix l-velocita li kien qed isuq biha l-imputat u din l-anqas setghet tigi stabbilita approssimattivament minn xi break marks[23] ma jistax jinghad b'certezza b'liema velocita kien qed isuq l-imputat u ghalhekk jekk kienx qed isuq fil-limiti regolamentari.

---

[20] Regola 273. Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

[21] Regola 279

[22] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

[23] Stante li ma kienx hemm break marks,

Illi min-naha l-ohra jista' jinghad b'certezza li huwa kien qed isuq b'velocita li kienet tiskorri dik dedatta mill-prudenza. L-imputat kien qed isuq f' triq li skond hu kienet vojta sa kemm lemah van quddiemu; meta lemah dan il-van kien hemm distanza ta' xi sebgha karozzi bejniethom. Il-van kien qed jinstaq b'velocita anqas minn dik li kien qed isuq biha l-imputat. Issa jekk l-intenzjoni ta' l-imputat verament kienet *li jasal distanza ta' vettura u jibqa jsuq warajh* huwa messu naqqas il-velocita gradwalment, u mhux jibqa' jsuq b'l-istess velocita sa kemm jasal distanza ta' xi karozza 'l boghod mill-van. Huwa ta' certa relevanza ukoll li skond ma jghid l-imputat huwa ghafas il-break ghaliex il-van kien hasad il-break, u mhux ghax deherlu li kien wasal vicin bizzejjed il-van li suppost kien ser jibqa jsuq warajh.

Ikkunsidrat

Illi sewqan prudenti jirrikjedi ukoll li s-sewwieq izomm 'l hekk imsejjha proper look out. Fil-gurisprudenza taghna huwa ben stabbilit li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout… Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[24]

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-imputat f'l-ebda hin ma ra l-mutur u kien biss f'l-isplit second ta'l-impatt li rrealizza li kien hemm il-mutur.

Illi mill-provi jirrizulta li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta b'vizwali tajba; it-temp kien tajjeb, u kemm l-mutur kif ukoll il-vettura ta'l-imputat kellhom id-dwal mixghula. L-imputat jallega li huwa kien qed isuq dejjem f'nofs il-karreggjata tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi ma kien hemm xejn li jostakola lill-imputat milli jinnota mutur, bid-dawl mixghul, gej minn faccata tieghu; l-imputat pero naqas milli jarah.

---

[24] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004.

Illi ghalhekk li l-imputat naqas li jara dak li ragonevolment kellu jara. Fil-fatt jista' jinghad li l-imputat ma kellux *awareness of what was happening in his vicinity,* partikolarment quddiemu, u lanqas kellu *a view of the whole road,* u li ghalhekk ma kienx qed izomm dik il-proper look out mistennija minn sewwieq diligenti.

Ikkunsidrat

Illi dwar is-sorpass il-Highway Code jipprovdi hekk:

> *Never overtake unless you are* **sure** *that you can do so without danger to yourself or others.*[25]

Illi aktar minn hekk jipprovdi li qatt m'ghandu jsir sorpass *when to do so would force an other vehicle to swerve or reduce speed*.[26]

Illi l-incident sehh f'triq diviza f'zewg karreggjati minn linja dritta bajda kontinwa; ghalhekk f'triq fejn is-sorpass mhux permissibbli jekk biex ikun jista' jsir ikollha tinqasam il-linja bajda. Aktar minn hekk sehh ezattament hdejn l-entratura ta' azjenda kummercjali minn fejn, kif jindikaw is-sinjali impingijja ma'l-art, vetturi setghu johorgu u jaqsmu il-karreggjati.

Illi ghalhekk jekk il-manuvra ta'l-imputat kienent wahda ta' sorpass, kienet avventata ghall-ahhar, mhux biss ghaliex saret f'post fejn ma kellhiex issir imma ghaliex saret meta kien gej mutur mid-direzzjoni opposta u ghaliex saret f'parti tat-triq fejn wiehed seta' jistenna l-hruq ta' vetturi mill-entratura ta' dik l-azjenda kummercjali.

Illi ghalhekk indipendentment minn jekk l-imputat kien qed isuq wara l-van b'l-intenzjoni li jibqa hekk isuq, jew jekk kien qed jaghmel manuvra ta' surpass fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata is-sewqan ta'l-imputat fiz-zewg ipotezi mhux biss jiddipartixxi minn, u ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza imma b'dak is-sewqan l-imputat kien indifferenti ghar-riskji riskji ta' hsara li s-sewqan tieghu seta' jikkawza lil terzi, hsara li certamnet kienet prevedibbli. Aktar minn hekk l-imputat effettivament *kien ta' perikolu ghal*

[25] Regola 181.
[26] Regola 185.

*terzi jew ghall-propjeta' taghhom* u permezz tas-sewqan tieghu kien qieghed jaghlaq ghajnejh ghall-perikolu li kien qed johloq.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija sodsfatta li t-tielet imputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'l-omicidju involontarju ta' Emanuel Mangion u li nvolontarjament ikkawza hsara fil-mutur misjuq minn Emanuel Mangion.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret*[27].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

> *Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi.*

[27] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li linteressi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, lartikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez.,*

*irregolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja talhajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, millbanda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[28]

Illi f'sentenza ohra taghha[29], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[30] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

[28] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.

[29] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg deciza 31.07.1998.

[30] Op cit.

*Hemm diversi forom ta’ kondotta kolpuza derivanti minn atti ta’ negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta’ ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta’ xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi middisattenzjoni u disakkortezza ta’ l-agent fil-kondotta tieghu. Limperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba nonosservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn ilkazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan lelement tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' lagent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b’l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f’din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz filkamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami biex issussistu l-ewwel zewg imputazzjonijiet irid jigi pruvat kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputat u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta ta'l-imputat u l-mewt ta' Emanuel Mangion u l-hsara riskontrata fil-mutur misjuq minnu.

Illi dwar ir-responsabbilta ta' sewwieq meta jonqos li jzomm proper look out il-Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li:

*... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[31]

Illi dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri[50]. Hemm dik il-Qorti kwotat diversi awturi u anke gurisprudenza:

*In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

1. *la volontarieta dell'atto;*
2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3. *la possibilita di prevedere.*

[31] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[50] Deciza 28.02.2018.

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 millQorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament talCarrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tarregoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:*
*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*

*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*

1) *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2) *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3) *l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
4) *la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew nonosservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.*

Illi anke fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami indipendentement minn jekk il-Qorti taccetta il-verzjoni ta' l-imputat li malli wasal vicin tal-van dan hasab il-break u meta hu ghafas il-break tilef il-kontroll; jew jekk temmen li l-imputat fil-fatt kien qed jaghmel manuvra ta' surpass (it-tezi tal-parte civile), il-konkluzzjoni ghandha tkun wahda u cioe li l-imputat saq vicin wisq il-vettura li kienet immedjatament quddiemu, naqas li jzomm proper look out, u naqas li josserva regoli imposti fuqu u aktar minn hekk ghalaq ghajnejh ghal l-perikoli li s-sewqan tieghu halaq u ghall-konsegwenzi li certament kienu prevedibbli. Aktar minn hekk fil-kaz in ezami hija eskluza ghal kollox xi negligenza jew xi kontributorjeta da parti tal-vittma jew tas-sewwieq tal-van Hilux[32]. Fil-fatt fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata *l-*

[32] Anke jekk il-Qorti kellha temmen lill-imputat f'l-asserzjoni tieghu li s-sewwieq tal-van hasad il-break, ma ngiebet l-ebda prova dwar x'wassal lis-sewwieq tal-van biex jibbreakja f'daqqa; fi kwlunkwe kaz kieku

*event dannuz* certament *seta' jigi evitat bl-ezercizzju ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq.*

Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi huwa car li l-aktar fattur importanti huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li dawn huma reati serji li kellhom konsegwenzi gravi u wasslu addirittura ghall-mewt ta' persuna. Il-Qorti hija konsapevoli li xejn ma jista' verament ipatti ghat-telf ta' hajja pero l-Qorti trid, bil-piena inflitta tassigura li l-imputat verament jifhem li l-agir tieghu kien irresponsabbli ghall-ahhar. L-imputat irid jifhem ukoll li vettura tista' jkun letali daqs arma tan-nar u li konsegwentement f'l-uzu taghha ghandu jkun mill-aktar attent u diligenti.

Illi ai termini tal-Ligi l-piena prevista ghall-ewwel imputazzjoni[33] hija jew ta' prigunerija ta' mhux aktar minn erbgha snin jew multa ta' mhux aktar minn €11,646.87; inoltre l-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kaptolu 9 tista' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenza tas-sewqan ghal dak il-perjodu li jidhrilha opportun, dan naturalment minbarra minbarra l-iskwalifika tassattiva ai termini ta'l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65.

Illi f'sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Ludwig Micallef[34] l-Qorti ta'l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk dwar jekk imputat ghandux jinghata piena karcerarja jew xorta ohra f'kaz ta' omicidju involontarju f'incident stradali:

> *Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident. Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu omissis kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan*

---

l-imputat zamm id-distanza li kellu jzomm u kieku naqqas il-velocita malli nduna bil-van, kienet tigi evitata l-emergenza li holoq huwa stess.

[33] Dak huwa r-reat l-aktar gravi li tieghu qed jinstab hati l-imputat; peress li l-imputazzzjonijiet l-ohra huma assorbieti fih l-piena li trid tinghata hija dik stabbilita ghal din l-ewwel imputazzjoni.

[34] Deciza 01.03.2012

*huwa aktar attibwit lejn l-inesperjenza taz-zoghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita ta' l-appellant.*

*L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt.*

*F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.*

Illi ghall-istess ragunijiet hawn fuq espressi din il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex indikata, u li jista' jintlahaq l-ghan taghha li tassigura li l-imputat jifhem kemm huwa importanti sewqan diligenti billi timponi multa u tisskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jkun twil bizzejjed biex l-imputat jitghallem jghozz il-licenzja tas-sewqan u jitghallem ukoll kemm hu importanti li juza l-poter li taghtih dik il-licenzja b'dik id-diligenza li tirrikjedi il-Ligi ghall-inkolumita tieghu nnifsu u ta'l-ohrajn.

Illi dwar is-sospensjoni tal-licenzja ghandu jigi rilevat li ai termini ta'l-artikolu 30[35] tal-Kapitolu 9 tista' tiskwalifika lill-imputat ghal dak iz-zmien li jidhrilha hi u mhiex marbuta bit-termini stabbiliti fil-Kapitolu 65. L-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 fil-fatt ma jimponiex limiti fuq it-terminu ta' skwalifika.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tiddikjara r-raba imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu 225 u 328 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati

[35] Dan l-artikolu jista' jigi applikat fil-kaz in ezami ghaliex l-imputat qed jinstab hati ta'l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 u mhux biss ta' reati that il-Kapitolu 65.

ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **multa ta' tmient elef Euro (€8,000)** ub'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 **tiskwalifikah minn kull licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) snin**. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn u tnax Euro u tnax il-centezmu (€2012.75)** rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta'esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**